A.L. 108 ta' l-1992

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Statut I11 — L-Istitut Għar-Riċerka fil-Ġebla u l-Bini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 31 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-iStatut I11 — L-Istitut għar-Riċerka fil-Ġebla u l-Bini.

STATUT I11 — L-ISTITUT GĦAR-RIĊERKA FIL-ĠEBLA U L-BINI

1. B'dan qed jitwaqqaf fl-Università l-Istitut għar-Riċerka fil-Ġebla u l-Bini.

2. L-iskopijiet ta' l-Istitut ikunu:

(a) primarjament li jinkoraġixxi riċerka f'kull aspett ta' l-użu tal-ġebla fil-bini u f'aspetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-industrija tal-bini, hekk kif rilevanti għal Malta;

(b) li jfittex il-kooperazzjoni u għajnuna ta' l-industrija tal-bini, u tal-professjoni tal-bini, biex jinġabru fondi għar-riċerka, u jfittex ukoll li jinvolvi l-istess parteċipant fix-xogħol tal-bini fl-amministrazzjoni ta' l-Istitut;

(ċ) li jikkollabora mad-Dipartimenti tal-Bini u Inġinerija Ċivili ta' l-Università fl-iżvilupp u l-użu tal-laboratorji u t-tagħmir fihom;

(d) li jipparteċipa fir-ristrutturazzjoni tat-tħarriġ ta' snajja' għall-industrija tal-bini, u fit-tfassil ta' korsijiet f'livell tekniku, *middle management*, f'livell kontinwu professjonali jew *post-graduate*, ħlief li kull kors għal diploma jew grad li jista' joffri, jkun skond l-istatuti u r-regolamenti ta' l-Università;

(e) li jorganizza konferenzi, seminarji u attivitajiet simili, u jippubblika dokumenti, biex jitwasslu lill-professjoni u lill-industrija in ġenerali l-iżviluppi fl-oqsma rilevanti u ta' interess;

(f) li jipprovdi għajnuna lill-industrija u lill-professjoni fl-iżvilupp ta' dokumentazzjoni teknika, regolamenti għall-bini u *standards* nazzjonali, u *codes of practice*, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-bżonnijiet ta' l-armonizzazzjoni Ewropeja fl-industrija tal-bini, u fl-evalwazzjoni tal-kwalità ta' prodotti u proċessi;

(ġ) li jiżviluppa kuntatti ma' laboratorji internazzjonali ta' riċerka u evalwazzjoni, u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali xjentifiċi u tekniċi, li għandhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet imsemmija hawn fuq; u

(ħ) li jagħmel kull ħaġa oħra li sservi jew twassal għall-iskopijiet fuq imsemmija.

3. L-Istitut ikun immexxi minn Bord li jkun magħmul minn:

Chairman: ir-Rettur jew id-delegat tiegħu;
Viċi-*Chairman*: id-Direttur ta' l-Istitut maħtur mill-Kunsill għal ħames snin;
Żewġ akkademiċi maħtura mis-Senat għal tliet snin, li għallinqas wieħed minnhom ikun membru tal-Fakultà ta' l-Arkittetura u l-Inġinerija Ċivili;
Rappreżentant tal-Kunsill maħtur għal sena;
Rappreżentat ta' l-Assoċjati ta' l-Istitut maħtur għal sena, kif imfissra fil-paragrafu li ġej;
Rappreżentant tal-Kamra tal-Periti u l-Inġinieri Ċivili, maħtur għal sena; u
Membru ta' fama internazzjonali, li jservi għal perjodu ta' sena li jista' jiġġedded, u li jista' jiġi msejjaħ mil-Bord.

4. L-Istitut ikollu s-setgħa li joħloq proċedura li biha jista' joffri stat ta' Assoċjat ta' l-Istitut lill-organizzazzjonijiet jew persuni fl-industrija tal-bini, li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet ta' l-Istitut, skond il-livelli stabbiliti mill-Bord, u li jkollhom dritt ta' rappreżentanza fl-istess Bord, kif intqal fil-paragrafu ta' qabel dan.

5. Xogħol il-Bord hu:

(a) li jfassal kif għandu jimxi l-Istitut biex jintlaħqu l-għanijiet msemmija hawn fuq;

(b) li jieħu ħsieb l-amministrazzjoni finanzjarja ta' l-Istitut;

(ċ) li jiżgura l-kollaborazzjoni ma' għaqdiet lokali u barranin biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istitut;

(d) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill fuq l-għażla ta' membri akkademiċi; u

(e) li jaħtar staff amministrattiv u klerikali, u jaħtar koordinaturi jew konsulenti għall-proġetti speċifiċi, marbuta ma' l-għanijiet imsemmija hawn fuq.

6. L-impjegati ta' l-Istitut ikunu mmexxija mid-Direttur, li jħejji wkoll ta' kull sena l-estmi ta' l-Istitut, u jressaqhom lill-Bord biex japprovahom. Id-Direttur għandu wkoll jissottometti rendikont finanzjarju lill-Kunsill, u rapport lis-Senat u lill-Kunsill fuq l-attivitajiet ta' l-Istitut għal kull sena. L-Uffiċjal tal-Finanzi ta' l-Università jkun it-Teżorier ta' l-Istitut.

7. Emendi għal dan l-iStatut jistgħu jkunu proposti mill-Bord, iżda jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill.